KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fis-17 ta' Diċembru 2015[1]

Kawża C-528/14

X
vs
Staatssecretaris van Financiën

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi)]

"Tariffa Doganali Komuni — Regolament (KE) Nru 1186/2009 — Artikoli 3 et seq — Eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni — Proprjetà personali — Trasferiment ta' residenza normali minn pajjiż terz għall-Unjoni Ewropea — Kunċett ta' 'residenza normali' — Esklużjoni tal-possibbiltà li tiġi stabbilita residenza normali fl-istess ħin f'pajjiż terz u fi Stat Membru tal-Unjoni — Kriterji ta' determinazzjoni tal-post ta' residenza normali"

I – **Introduzzjoni**

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3 *et seq* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009, tas-16 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali[2]. Dan l-Artikolu 3 jippermetti lil persuna fiżika li tittrasferixxi r-"residenza normali" tagħha minn pajjiż terz għat-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea tibbenefika minn tali eżenzjoni fir-rigward tal-proprjetà personali li timporta f'dan il-każ.

2. Din it-talba taqa' fil-kuntest ta' kawża bejn X u l-iStaatssecretaris van Financiën (Segretarju tal-Istat għall-Finanzi tal-Pajjiżi l-Baxxi) dwar ir-rifjut tal-awtoritajiet doganali tal-Pajjiżi l-Baxxi li jaċċettaw eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni tal-proprjetà personali li l-parti kkonċernata importat fil-Pajjiżi l-Baxxi wara li telqet mill-Qatar, fejn kienet tgħix u taħdem għal tliet snin u nofs. Skont dawn l-awtoritajiet, l-eżenzjoni mid-dazju doganali prevista fl-imsemmi Artikolu 3 ma tistax tiġi applikata f'dan il-każ, minħabba li r-residenza normali ta' X fil-verità kienet baqgħat stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi matul dan il-perijodu kollu.

3. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, qabelxejn, jekk huwiex possibbli, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1186/2009, li r-"residenza normali" ta' persuna fiżika tkun tinsab fi Stat Membru u f'pajjiż terz fl-istess ħin. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, hija mbagħad tistaqsi jekk l-eżenzjoni mid-dazju doganali awtorizzata mill-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament tistax tiġi implementata mill-mument meta l-parti kkonċernata ma jibqax ikollha r-residenza normali tagħha f'dan il-pajjiż terz. Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, jiġifieri jekk huwa impossibbli li wieħed ikollu

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 324, p. 23.

residenza normali doppja f'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju, fl-aħħar nett, tixtieq tkun taf il-kriterji li għandhom jiġu applikati biex jiġi ddeterminat il-post fejn tinsab ir-residenza normali ta' persuna, fis-sens ta' dan l-artikolu, meta din, bħal fil-kawża prinċipali, kellha rabtiet personali kif ukoll professjonali f'pajjiż terz u rabtiet personali biss fi Stat Membru.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Ir-Regolament Nru 1186/2009*

4. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83, tat-28 ta' Marzu 1983, li jwaqqaf sistema Komunitarja ta' eżenzjoniiet minn dazju doganali[3], li kien jikkostitwixxi t-test bażiku f'dan il-qasam, tħassar u ġie kkodifikat mir-Regolament Nru 1186/2009.

5. Il-premessi 2, 3 u 4 tar-Regolament Nru 1186/2009 jistabbilixxu:

"(2) Fl-assenza ta' miżura speċifika ta' deroga adottata skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, dazji tat-tariffa doganali komuni huma applikabbli għall-merkanzija kollha [importata] fil-Komunità. […]

(3) Iżda, f'ċerti ċirkostanzi definiti sew, fejn bis-saħħa ta' kondizzjonijiet speċjali taħt liema merkanzija tiġi impurtata l-bżonn użwali li tiġi protetta l-ekonomija huwa nieqes, tassazzjoni bħal din mhijiex ġustifikata.

(4) Huwa mixtieq li f'ċirkostanzi bħal dawn isiru arranġamenti, kif saru tradizzjonalment fil-biċċa l-kbira ta' sistemi ta' regoli doganali, li merkanzija titħalla tgawdi eżenzjoni mill-applikazzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni li normalment ikunu soġġetti għalihom."

6. L-Artikoli 3 sa 11 tar-Regolament Nru 1186/2009 jinsabu fl-Kapitolu I, li jirrigwarda l-"Proprjetà personali ta' persuni fiżiċi li qegħdin jittrasferixxu l-post ta' residenza normali tagħhom minn pajjiż terz għall-Komunità" tat-Titolu II tiegħu, intitolat "Eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni".

7. L-Artikolu 3 jiddisponi li "[s]oġġett għall-Artikoli 4 sa 11, proprjetà personali importata minn persuni fiżiċi li qegħdin jittrasferixxu l-post ta' residenza normali tagħhom minn pajjiż terz għat-territorju doganali tal-Komunità għandha tiddaħħal mingħajr dazji fuq l-importazzjoni".

8. L-Artikolu 4(1) jipprevedi li "[l]-eżenzjoni għandha tkun limitata għal proprjetà personali li:

a) ħlief f'każijiet speċjali ġustifikati miċ-ċirkostanzi, kienet fil-pussess ta' u, fil-każ ta' affarijiet mhux konsumabbli, użati mill-persuna involuta fil-post ta' residenza normali preċedenti għal minimu ta' sitt xhur qabel id-data li fiha tieqaf milli jkollha l-post ta' residenza normali fil-pajjiż terz minn fejn telqet;

b) hi maħsuba biex tintuża għall-istess għan fil-post ta' residenza normali ġdid".

9. Skont l-Artikolu 5(1) "[e]żenzjoni tista' tingħata biss lil persuni li l-post ta' residenza normali tagħhom kien barra t-territorju doganali tal-Komunità għal perijodu kontinwu ta' mill-inqas 12-il xahar".

10. L-Artikolu 6 jelenka l-proprjetà personali li hija eskluża mill-eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 1, p. 419.

11. Skont l-Artikolu 7(1) "[ħ]lief f'każijiet speċjali, eżenzjoni għandha tingħata biss fir-rigward ta' prorpjetà personali mdaħħla għal ċirkolazzjoni ħielsa fit-12-il xahar mid-data ta' stabbiliment, mill-persuna involuta, jew fil-post ta' residenza normali fit-territorju doganali tal-Komunità".

12. L-Artikolu 8 jiddisponi li, "[s]akemm jiskadu 12-il xahar mid-data minn meta ġie aċċettat id-dħul għal ċirkolazzjoni ħielsa, proprjetà personali li ġiet ammessa mingħajr dazju ma tistax tiġi mislufa, mogħtija bħala garanzija, mikrija jew trasferita, kemm għal prezz kif ukoll b'xejn, mingħajr ma jkunu notifikati minn qabel l-awtoritajiet kompetenti", taħt piena ta' impożizzjoni ta' pagament ta' dazji fuq l-importazzjoni skont il-modalitajiet previsti fl-imsemmi paragrafu 2 ta' dan l-artikolu.

13. L-Artikolu 9(1) jistipula li "[b]ħala deroga mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7, eżenzjoni tista' tingħata fir-rigward ta' proprjetà personali mdaħħla għal ċirkolazzjoni ħielsa qabel ma l-persuna involuta tistabbilixxi l-post ta' residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Komunità, sakemm hija tobbliga ruħha li tistabbilixxi l-post ta' residenza normali tagħha hemmhekk fi żmien sitt xhur".

14. Skont l-Artikolu 10(1) "[f]ejn, minħabba obbligi tax-xogħol, il-persuna involuta titlaq mill-pajjiż terz fejn kellha l-post ta' residenza normali mingħajr ma stabbiliet fl-istess żmien il-post ta' residenza normali tagħha fit-territorju doganali tal-Komunità, għalkemm bl-intenzjoni li fl-aħħar mill-aħħar tagħmel dan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw id-dħul mingħajr dazju tal-proprjetà personali li hi titrasferixxi fl-imsemmi territorju għal dan il-għan".

15. L-Artikolu 11 joffri wkoll lill-awtoritajiet kompetenti l-possibbiltà li jagħtu derogi minn ċerti kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni "meta persuna jkollha tittrasferixxi l-post ta' residenza normali minn pajjiż terz għat-territorju doganali tal-Komunità minħabba ċirkostanzi politiċi eċċezzjonali".

B – *Id-Direttivi 83/182/KEE u 83/183/KEE*

16. Id-Direttiva tal-Kunsill 83/182/KEE, tat-28 ta' Marzu 1983, tirrigwarda eżenzjonijiet fiskali ġewwa l-Komunità għal ċerti mezzi ta' trasport temporanjament importati fi Stat Membru minn Stat Membru ieħor[4]. L-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, intitolat "Regoli ġenerali biex tkun stabbilita residenza", jistabbilixxi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, 'residenza normali' tfisser il-post fejn xi persuna tgħix normalment, jiġifieri għal mill-inqas 185 jum f'kull sena kalendarja, minħabba xi rbit personali u tax-xogħol, jew, fil-każ ta' xi persuna li ma jkollhiex irbit tax-xogħol minħabba rbit personali li juru rabtiet mill-qrib bejn dik il-persuna u l-post fejn qed jgħix.

Iżda, ir-residenza normali ta' xi persuna li l-irbit tax-xogħol tagħha jkun f'post differenti minn dak ta' l-irbit personali u li jgħix konsegwentement f'postijiet differenti sitwati f'żewġ Stati Membri jew aktar għandu jitqies li jkun il-post ta' l-irbit personali tagħha, sakemm dik il-persuna tirritorna hemmhekk regolarment. […]"

17. Id-Direttiva tal-Kunsill 83/183/KEE, tat-28 ta' Marzu 1983, dwar eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbli għal importazzjonijiet permanenti minn xi Stat Membru tal-propjetà personali ta' individwi[5] tħassret permezz tad-Direttiva 2009/55/KE[6]. Il-kliem tal-Artikoli 6(1) ta' dawn iż-żewġ direttivi huwa identiku għal dak tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 83/182.

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 112.

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 117.

6 — Direttiva tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 2009, dwar eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbli għall-introduzzjoni permanenti minn xi Stat Membru tal-proprjetà personali ta' individwi (ĠU L 145, p. 36).

III – Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Wara li ħadem u għex fil-Pajjiżi l-Baxxi, X kien impjegat fil-Qatar mill-1 ta' Marzu 2008 sal-1 ta' Awwissu 2011. F'dan il-pajjiż terz, huwa bbenefika minn akkomodazzjoni pprovduta mill-persuna li impjegatu u hemmhekk kellu relazzjonijiet kemm professjonali kif ukoll personali. Matul dan il-perijodu, X qatta' 281 jum barra mill-Qatar, li matulhom żar lill-martu, lit-tfal maġġorenni tiegħu u l-familja tiegħu li baqgħet fil-Pajjiżi l-Baxxi, u mar għall-vaganzi f'pajjiżi oħra. Martu, li baqgħet taħdem fil-Pajjiżi l-Baxxi, żaritu fil-Qatar sitt darbiet, għal total ta' 83 jum.

19. Fid-dawl tar-ritorn tiegħu lejn il-Pajjiżi l-Baxxi, X talab lill-awtoritajiet doganali tal-Pajjiżi l-Baxxi li jingħata l-awtorizzazzjoni li jimporta l-proprjetà personali tiegħu mill-Qatar fl-Unjoni taħt is-sistema tal-eżenzjoni mid-dazju doganali prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1186/2009. L-ispettur tat-taxxa rrifjuta din it-talba, minħabba li l-parti kkonċernata ma setgħetx tittrasferixxi r-"residenza normali" tagħha lejn il-Pajjiżi l-Baxxi fis-sens tal-imsemmi artikolu, peress li hija żammet ir-residenza normali tagħha f'dan l-Istat Membru matul ir-residenza tagħha fil-Qatar, u din għalhekk qatt ma kienet tinsab f'dan il-pajjiż terz.

20. X ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni ta' rifjut quddiem ir-Rechtbank te Haarlem (qorti ta' Haarlem), li laqgħet it-talba tiegħu. L-ispettur tat-taxxa ppreżenta appell quddiem il-Gerechtshof Amsterdam (qorti tal-appell ta' Amsterdam), li, b'deċiżjoni tal-4 ta' Lulju 2013, annullat id-deċiżjoni mressqa quddiemha.

21. Il-qorti tar-rinviju indikat li, biex tibbaża d-deċiżjoni tagħha, il-Gerechtshof qieset, b'riferiment għal ċerti sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja [7], li r-residenza normali fis-sens tal-imsemmi Artikolu 3 għandha tinsab f'post fejn il-parti kkonċernata għandha ċ-ċentru permanenti tal-interessi tagħha. Wara li qieset li f'dan il-każ, ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat fejn kien jinsab iċ-ċentru permanenti tal-interessi ta' X, fir-rigward tar-rabtiet kemm personali kif ukoll professjonali tiegħu, il-Gerechtshof iddeċidiet li, f'dan il-każ, il-prijorità għandha tingħata lir-rabtiet personali tal-parti kkonċernata u ddeduċiet li r-residenza normali tiegħu kienet baqgħet fil-Pajjiżi l-Baxxi matul il-perijodu inkwistjoni.

22. X ippreżenta appell fil-kassazzjoni quddiem l-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), fejn argumenta li, peress li l-rabtiet personali tiegħu kienu jinsabu f'żewġ pajjiżi fl-istess ħin, il-fatt li r-rabtiet professjonali tiegħu kienu jinsabu biss fil-Qatar kellu jkun il-kriterju prinċipali li jippermetti li r-residenza normali tiegħu tiġi lokalizzata f'dan il-pajjiż terz, b'tali mod li huwa kellu jkun jista' jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1186/2009.

23. F'dan il-kuntest, permezz tad-deċiżjoni tal-14 ta' Novembru 2014, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Novembru 2014, il-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ir-Regolament Nru 1186/2009 jinkludi l-possibbiltà li persuna fiżika jkollha, fl-istess ħin, ir-residenza normali tagħha kemm fi Stat Membru kif ukoll f'pajjiż terz u, jekk dan huwa l-każ, l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tapplika għall-proprjetà personali li ġew ittrasferiti fl-Unjoni Ewropea meta [din il-persuna fiżika] ma jibqax ikollha r-residenza normali tagħha fil-pajjiż terz?

2) Jekk ir-Regolament Nru 1186/2009 jeskludi li jkun hemm residenza normali doppja u jekk evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha ma tkunx suffiċjenti sabiex tiġi ddeterminata r-residenza normali, liema regola jew liema kriterji għandhom jintużaw sabiex jiġi ddeterminat, għall-finijiet

7 — Id-deċiżjoni tar-rinviju tippreċiża li f'dan ir-rigward, il-Gerechtshof irreferiet għas-sentenzi Ryborg (C-297/89, EU:C:1991:160); Louloudakis (C-262/99, EU:C:2001:407), kif ukoll Alevizos (C-392/05, EU:C:2007:251), li kollha jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-Direttivi 83/182 u 83/183.

tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, f'liema pajjiż il-persuna kkonċernata għandha r-residenza normali tagħha f'każ bħal dak f'din il-kawża fejn din tal-aħħar għandha kemm rabtiet personali kif ukoll rabtiet professjonali fil-pajjiż terz u rabtiet personali fl-Istat Membru?"

24. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn X, mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Ma saritx seduta għas-sottomissjonijiet orali.

IV – **Analiżi**

A – *Fuq l-esklużjoni tal-possibbiltà li tiġi stabbilita residenza normali, fis-sens tar-Regolament Nru 1186/2009, f'pajjiż terz u fi Stat Membru fl-istess ħin*

1. *Osservazzjonijiet preliminari*

25. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, li hija maqsuma f'żewġ partijiet, qabelxejn, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina jekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1186/2009 [8], huwiex possibbli li persuna fiżika matul l-istess perijodu jkollha r-"residenza normali" tagħha f'żewġ postijiet differenti, u b'mod iktar preċiż fi Stat Membru u f'pajjiż terz fl-istess ħin. Imbagħad, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din il-parti tad-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna tgħid jekk l-eżenzjoni mid-dazju doganali prevista fl-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament għalhekk tistax tiġi applikata għall-importazzjoni ta' proprjetà personali li ġiet ittrasferita fl-Unjoni mill-mument li l-proprjetarju ta' din il-proprjetà ma jibqax ikollu r-residenza normali tiegħu fil-pajjiż terz ikkonċernat.

26. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fir-rigward tal-approċċ meħud mill-Gerechtshof Amsterdam (qorti tal-appell ta' Amsterdam) [9], dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kunċett ta' "residenza normali" fis-sens ta' dan ir-regolament f'ċirkustanzi bħal dawk f'din il-kawża, filwaqt li tfakkar li f'dan il-każ X qassam iż-żmien ta' preżenza u r-rabtiet tiegħu bejn il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Qatar matul il-perijodu ta' diversi snin inkwistjoni. Hija tqis li l-għanijiet previsti mir-Regolament Nru 1186/2009 [10] f'każ bħal dan ma jidhrux li jipprekludu, minn naħa, sitwazzjoni fejn tista' teżisti residenza normali fl-istess ħin fi Stat Membru u f'pajjiż terz, u, min-naħa l-oħra, li huwa possibbli li tingħata l-eżenzjoni mid-dazju prevista fl-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament peress li l-parti kkonċernata kellha tirrinunzja għar-residenza tagħha f'dan il-pajjiż terz u kellha, f'dan il-każ, tittrasferixxi l-proprjetà personali tagħha f'dan l-Istat Membru [11].

8 — Qabelxejn għandu jiġi enfasizzat li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' residenza normali mitluba mill-qorti tar-rinviju ma taffettwax biss l-Artikoli 3 sa 11 tar-Regolament Nru 1186/2009, li l-applikazzjoni tagħhom hija prevista fil-kawża prinċipali, iżda wkoll dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-regolament (ara l-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet).

9 — Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, "[b]illi ddeċidiet li ma jistax jiġi ddeterminat b'mod ċar [...] fejn kien jinsab iċ-ċentru permanenti tal-interessi ta' [X], il-Gerechtshof b'mod impliċitu ddeċidiet li [, minn naħa,] iċ-ċirkustanzi li jwasslu għall-konklużjoni li l-parti kkonċernata kienet (żammet) ir-residenza normali tagħha fil-Pajjiżi il-Baxxi u [, min-naħa l-oħra,] iċ-ċirkustanzi li jwasslu għall-konklużjoni li l-parti kkonċernata kellha r-residenza normali tagħha fil-Qatar, jibbilanċjaw lil xulxin" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

10 — F'dan ir-rigward, din il-qorti ssemmi s-sentenzi Treimanis (C-487/11, EU:C:2012:556, punti 24 sa 26) u Wencel (C-589/10, EU:C:2013:303). Minn dan l-istadju, nenfasizza li din is-sentenza tal-aħħar hawnhekk setgħet tiġi invokata biss b'analoġija, peress li tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni emendata u aġġornata tagħha mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3).

11 — Madankollu, il-qorti tar-rinviju timmodifika din l-affermazzjoni tal-aħħar, billi tippreċiża li jista' jitqies ukoll li għalhekk ma kienx hemm trasferiment reali tar-residenza normali fis-sens tal-imsemmi artikolu "peress li r-residenza fil-pajjiż terz fil-fatt ġiet sempliċement abbandunata" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

27. X jissuġġerixxi li għall-ewwel domanda preliminari tingħata r-risposta li l-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1186/2009 għandha tkun permessa f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali [12]. Min-naħa tagħhom, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni jiddefendu l-argument li skontu d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament jeskludu l-possibbiltà li persuna fiżika jkollha, fl-istess ħin, ir-residenza normali tagħha kemm fi Stat Membru kif ukoll f'pajjiż terz. Jien naqbel ma' dan l-approċċ tal-aħħar għar-raġunijiet spjegati iktar 'l isfel.

2. *Fuq il-ħtieġa li l-kunċett ta' "residenza normali" jiġi interpretat fis-sens tar-Regolament Nru 1186/2009*

28. Bħalma enfasizzaw kemm il-qorti tar-rinviju kif ukoll il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni, ir-Regolament Nru 1186/2009 ma jinkludix definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza normali", fejn dan il-kunċett ma jidhirx biss fl-Artikoli 3 sa 11, li huma rilevanti għal din il-kawża, iżda wkoll, b'mod partikolari fil-verżjoni Franċiża, fl-Artikoli 12, 13, 17 u 81 tiegħu. Dan kien il-każ ukoll fir-Regolament Nru 918/83, li wkoll kien jirrigwarda l-istabbiliment ta' sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali u li tħassar mir-Regolament Nru 1186/2009, billi kkodifika d-dispożizzjonijiet li kien fih dan l-att l-antik mingħajr ma biddel is-sustanza tiegħu [13].

29. Is-skiet tal-imsemmija regolamenti huwa iktar notevoli hekk kif, minn naħa, il-Kummissjoni għażlet li ddaħħal definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza normali" fil-proposta inizjali tagħha li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 918/83 [14], element partikolari li ser nerġa' nsemmi iktar 'il quddiem [15], u, min-naħa l-oħra, il-leġiżlatur iddeċieda għall-kuntrarju li jinkludi definizzjoni komuni fid-Direttivi 83/182 u 83/183 dwar l-eżenzjonijiet fiskali [16], li kienu ġew adottati fl-istess jum bħar-Regolament Nru 918/83.

30. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja diġà pprovdiet elementi li jiddefinixxu r-"residenza normali" fis-sens tad-Direttivi 83/182 [17] u 83/183 [18], hija min-naħa l-oħra, sa fejn naf jien, għadha ma tatx interpretazzjoni ta' dan il-kunċett fis-sens tar-regolamenti li jistabbilixxu s-sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali. Ċertament, diversi sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nri 918/83 u 1186/2009 u jippermettu, b'mod partikolari, il-fehim tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-madwar tletin kategorija ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali previsti minn dawn l-istrumenti, iżda dawn il-preċedenti ġurisprudenzjali kollha jirrigwardaw kunċetti oħra [19].

12 — B'mod iktar preċiż, X isostni prinċipalment li, matul il-perijodu inkwistjoni, huwa ma kellux residenza doppja għax ma "kienx għad għandu 'residenza normali' fil-Pajjiżi l-Baxxi" [traduzzjoni mhux uffiċjali], fejn huwa kien jagħmel "biss żjarat", u li r-risposta għad-domanda magħmula hija għalhekk purament teoretika. Sussidjarjament, jekk għandha tiġi applikata analiżi oħra tal-fatti, X isostni li jkun possibbli li tiġi stabbilita residenza normali fl-istess ħin fi Stat Membru u f'pajjiż terz u li, f'dan il-każ, huwa jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mid-dazju doganali prevista f'dan l-Artikolu 3 peress li r-residenza normali li kien żamm fil-Pajjiżi Baxxi kienet "inqas importanti" mir-residenza normali tiegħu "ta' importanza primarja" fil-Qatar.

13 — Fil-proposta tagħha tal-11 ta' Diċembru 2008 li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 1186/2009 [COM(2008) 842 final], il-Kummissjoni ppreċiżat li "[i]r-Regolament il-ġdid jissupera lill-atti varji inkorporati fih [ara l-Anness V għal din il-proposta]; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu ta' l-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kull ma tagħmel hu li tgħaqqadhom *bl-emendi formali biss* kif meħtieġ mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu" (enfasi magħmula fl-oriġinali).

14 — Proposta tat-12 ta' Marzu 1979 [COM(79) 104 final].

15 — Fuq id-definizzjoni li kienet proposta mill-Kummissjoni u ċ-ċarezza li din tista' tagħti lir-risposta għall-ewwel domanda kif ukoll għat-tieni domanda magħmula f'din il-kawża, ara l-punt 35 u l-punt 71 ta' dawn il-konklużjonijiet rispettivament.

16 — Ara d-dispożizzjonijiet ta' dawn id-direttivi ċċitati fil-punti 16 u 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

17 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Louloudakis (C-262/99, EU:C:2001:407, punti 51 *et seq* kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), li l-kriterji ta' determinazzjoni tal-post tar-residenza normali tagħha ġew imfakkra fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-156/04, EU:C:2007:316, punti 45 u 46).

18 — Ara s-sentenza Alevizos (C-392/05, EU:C:2007:251, punti 54 *et seq*).

19 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Universität Stuttgart (303/87, EU:C:1989:128); Schoonbroodt (C-247/97, EU:C:1998:586); Feron (C-170/03, EU:C:2005:176); Har Vaessen Douane Service (C-7/08, EU:C:2009:417); Lietuvos geležinkeliai (C-250/11, EU:C:2012:496); Treimanis (C-487/11, EU:C:2012:556), kif ukoll Utopia (C-40/14, EU:C:2014:2389).

31. Fir-rigward tal-modalitajiet ta' interpretazzjoni li għandhom isiru, infakkar li, f'konformità ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tinkludi ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha għandu normalment jingħata, fl-Unjoni Ewropea kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi mfittxija billi jitqies il-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [20].

32. Madankollu, ir-Regolament Nru 1186/2009 ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "residenza normali", li jirrikorri għalih b'mod partikolari sabiex jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikoli 3 *et seq* tiegħu, iżda lanqas ma jirreferi espressament għal-liġijiet nazzjonali sabiex jistabbilixxi s-sinjifikat ta' dan il-kliem. Għaldaqstant, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-regolament, dan il-kunċett għandu jitqies bħala li jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Dan l-approċċ huwa msaħħaħ mill-pożizzjoni li kienet diġà adottat il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 918/83, li ġie ssostitwit mir-Regolament Nru 1186/2009, li lanqas ma kien jinkludi definizzjoni tal-kunċetti użati fih [21].

33. Għalkemm se jkun meħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li taħtu jaqgħu id-dispożizzjonijiet rilevanti hawnhekk u l-għanijiet previsti minnhom sabiex jiġi interpretat l-imsemmi kunċett awtonomu, l-elementi ta' analiżi meħuda mill-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet, madankollu, se jissemmew fl-ewwel lok peress li jidhirli li huma partikolarment sinjifikattivi f'din il-kawża.

3. *Fuq l-interpretazzjoni letterali tad-dispożizzjonijiet rilevanti*

34. Bħalma indikat b'mod korrett il-Kummissjoni, il-mod kif inhuma fformulati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 1186/2009 ma jippermetti bl-ebda mod li jiġi konkluż li għall-finijiet tal-applikazzjonijiet tal-eżenzjoni mid-dazju prevista fl-Artikolu 3 tiegħu, ikun possibbli li wieħed ikollu residenza normali fi Stat Membru u f'pajjiż terz fl-istess ħin, peress li mhux l-imsemmi Artikolu 3 biss, iżda anki l-Artikoli 4, 5, 7, 9, 10 u 11 [22] jużaw b'mod koerenti l-kliem "residenza normali" fis-singular. Inżid ngħid li dan huwa l-każ ukoll għall-artikoli l-oħra kollha tar-Regolament Nru 1186/2009 fejn jidher dan il-kunċett [23], u f'kull waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-imsemmi regolament [24].

35. F'dan ir-rigward, jista' jiġi osservat ukoll li, fil-proposta inizjali li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 918/83 [25], il-Kummissjoni kienet ipprevediet definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza normali" [26], li ma kinitx inkluża fil-verżjoni finali ta' dan ir-regolament, u kienet fasslet sensiela ta' dispożizzjonijiet li kienu jirreferu għal dan il-kunċett [27] li diġà kienu jużaw biss is-singular.

20 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Seattle Genetics (C-471/14, EU:C:2015:659, punti 23 *et seq*) kif ukoll Axa Belgium (C-494/14, EU:C:2015:692, punti 21 *et seq*).

21 — Ara s-sentenzi Feron (C-170/03, EU:C:2005:176, punti 26 *et seq*) kif ukoll Treimanis (C-487/11, EU:C:2012:556, punti 22 *et seq*).

22 — L-Artikoli 6 u 8 ma humiex previsti f'din il-lista peress li, billi jirrigwardaw id-determinazzjoni tal-proprjetà personali li hija eskluża jew permessa biex tibbenefika mill-eżenzjoni mid-dazju, ma jsemmux il-kunċett ta' "residenza normali".

23 — Jiġifieri, b'mod partikolari għall-verżjoni Franċiża, l-Artikoli 12, 13, 17 u 81 tal-imsemmi regolament.

24 — Minbarra l-verżjoni Franċiża, ara, b'mod partikolari, il-verżjoni Spanjola ("residencia normal"), Daniża ("sædvanlige opholdssted"), Ġermaniża ("gewöhnlichen Wohnsitz"), Ingliża ("normal place of residence"), Taljana ("residenza normale"), Olandiża ("normale verblijfplaats"), Portugiża ("residência habitual"), Rumena ("reședința obișnuită") u Svediża ("normala bostad").

25 — Proposta msemmija iktar 'il fuq [COM(79) 104 final].

26 — Ara l-Artikolu 4(2) tal-imsemmija proposta, iċċitat fil-punt 71 ta' dawn il-konklużjonijiet.

27 — Ara l-Artikoli 5, 6, 10 sa 12, 14, 16, 17, 20 u 71 tal-imsemmija proposta.

36. Dawn il-kunsiderazzjonijiet grammatikali huma kkorroborati minn data iktar sostanzjali. Fil-fatt, diversi formulazzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 3 sa 11 tar-Regolament Nru 1186/2009 jikkonvinċuni fl-idea li ma huwiex konċepibbli li r-"residenza normali" ta' persuna fiżika, fis-sens ta' dan ir-regolament, tkun tinsab fi Stat Membru u f'pajjiż terz fl-istess ħin għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn l-artikoli.

37. L-ewwel nett, naqbel mal-analiżi tal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi li skontha l-kliem tal-imsemmi Artikolu 3 jimplika li d-dritt għal eżenzjoni mid-dazju previst minnu jipprevedi biss il-każ ta' *trasferiment* ta' residenza normali minn pajjiż terz għat-territorju doganali tal-Unjoni, u mhux is-sitwazzjoni ta' persuna li diġà kellha residenza normali fi Stat Membru, u għalhekk f'dan it-territorju. Fil-fatt, il-kelma trasferiment, użata mil-leġiżlatur neċessarjament tassumi, tal-inqas mil-lat etimoloġiku, l-ispostament ta' din ir-residenza bejn post li jinsab 'il barra mill-Unjoni u ieħor li jinsab fi ħdanha. Ir-rekwiżit ta' tali moviment jirriżulta wkoll mit-titolu tal-Kapitolu fejn jinsabu l-imsemmija Artikoli 3 sa 11.

38. Il-qari tal-Artikolu 4 jikkorrobora din l-analiżi peress li fih tissemma proprjetà li ntużat mill-parti kkonċernata "fil-post ta' residenza normali *preċedenti* għal minimu ta' sitt xhur qabel id-data li fiha tieqaf milli jkollha l-post ta' residenza normali fil-*pajjiż terz minn fejn telqet*" u li ser tintuża wkoll "fil-post ta' residenza normali *ġdid*" [28], formulazzjonijiet li fil-fehma tiegħi jikkonkludu li fis-sens ta' dan ir-regolament wieħed jista' jkollu "residenza normali" waħda biss fl-istess żmien.

39. Bl-istess mod, l-Artikoli 7, 9, 10 u 11, fejn jintuża dan il-kunċett, ma jagħtu xejn x'tifhem li jkun possibbli li matul l-istess perijodu wieħed ikollu postijiet ta' residenza normali barra u fi ħdan it-territorju doganali tal-Unjoni fl-istess ħin. Għall-kuntrarju, dawn id-dispożizzjonijiet, fil-fehma tiegħi, jagħmlu distinzjoni ċara bejn l-istabbiliment tar-residenza normali tal-persuna kkonċernata, l-ewwel, 'il barra minn dan it-territorju, imbagħad it-tieni, f'dan it-territorju.

40. Għalhekk, interpretazzjoni letterali tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1186/2009 meqjusa f'din il-kawża tinċentivani qabelxejn sabiex nagħti risposta negattiva għall-ewwel parti tal-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju. Din il-konklużjoni *prima facie* hija msaħħa fid-dawl kemm tal-ekonomija kif ukoll tal-iskop ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

4. *Fuq l-interpretazzjoni kuntestwali tad-dispożizzjonijiet rilevanti*

41. Mill-qari konġunt tal-premessi 2 u 3 u tal-Artikolu 1 [29] tar-Regolament Nru 1186/2009 jirriżulta li l-prinċipju jibqa' dak ta' taxxa komuni tal-moviment tal-proprjetà li, bħal fil-kawża prinċipali, huwa dirett lejn it-territorju tal-Unjoni. B'mod eċċezzjonali biss, "minħabba ċirkustanzi speċjali" [30] u "definiti sew" ċerta proprjetà importata fl-Unjoni tista' tevita l-intaxxar doganali b'applikazzjoni tal-imsemmi regolament.

28 — Enfasi miżjdua minni.

29 — Skont l-Artikolu 1 tiegħu, ir-Regolament Nru 1186/2009 "jistipula dawk il-każijiet li fihom, minħabba ċirkustanzi speċjali, ħelsien [eżenzjoni] minn dazji ta' importazzjoni u esportazzjoni u miżuri adottati abbażi tal-Artikolu 133 tat-Trattat għandhom jingħataw meta merkanzija tkun rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera jew tiġi esportata mit-territorju doganali tal-Komunità".

30 — Din il-formulazzjoni restrittiva kienet tidher ukoll fl-Artikolu 184 preċedenti tal-Kodiċi Doganali [ara r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307)], li kien jikkostitwixxi l-bażi ġuridika tal-intervent tal-leġiżlatur tal-Komunità fil-qasam tal-eżenzjonijiet mid-dazji fuq l-importazzjoni jew mid-dazji fuq l-esportazzjoni, li kienu kklassifikati fost l-operazzjonijiet imsejħa "privileġġati" (it-Titolu VI).

42. Eżenzjoni mid-dazju għalhekk tingħata lill-parti kkonċernata li tressaq talba, bil-kundizzjoni li l-importazzjoni inkwistjoni titwettaq f'konformità mal-kundizzjonijiet definiti minn dan ir-regolament. Il-miżuri favorevoli meħuda fir-rigward tal-eżenzjoni mid-dazju doganali huma kkaratterizzati, minn naħa, mill-fatt li ma humiex ta' portata ġenerali iżda, min-naħa l-oħra, min-natura definittiva tagħhom [31].

43. Peress li l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni b'hekk hija metodu li jippermetti l-annullament definittiv tat-taxxa fuq il-proprjetà importata, u dan għall-finijiet li ġew identifikati b'mod preċiż mil-leġiżlatur tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' tali deroga, fil-fehma tiegħi, bħala regola għandhom jiġu interpretati b'mod strett [32]. Madankollu, l-imsemmija kundizzjonijiet ma jistgħux jinftiehmu b'mod tant strett li dan ikun jista' jwassal sabiex tintilef l-effettività tagħhom fuq l-eżenzjoni mid-dazju doganali, b'mod partikolari meta l-benefiċċju tagħha jiddependi minn elementi marbuta mal-ħajja privata tal-persuni kkonċernati [33]. Dan, b'mod partikolari, japplika għall-interpretazzjoni tal-Artikoli 3 *et seq* tar-Regolament Nru 1186/2009, li jirrikjedu trasferiment ġenwin tar-residenza normali minn pajjiż terz għal Stat Membru sabiex il-proprjetà tal-parti kkonċernata tingħata eżenzjoni mid-dazju.

44. F'dan ir-rigward, infakkar li, bħalma ġie nnotat mill-qorti tar-rinviju f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà eskludiet il-possibbiltà li persuna jkollha żewġ postijiet ta' residenza abitwali fl-istess ħin fit-territorju ta' żewġ Stati Membri differenti, iżda dan għall-ħtiġijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 biss. Biex timmotiva d-deċiżjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat b'mod partikolari li soluzzjoni kuntrarja, li tikkonsisti f'li wieħed jista' jkollu diversi residenzi fl-istess ħin, iċċaħħad minn kull effettività d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament li jqis il-post ta' residenza bħala fattur ta' konnessjoni għall-finijiet li tiġi ddeterminata l-leġiżlazzjoni applikabbli fil-kuntest ta' dan l-istrument [34]. Bl-istess mod, il-possibbiltà li wieħed ikollu diversi residenzi msejħa normali, fil-fehma tiegħi tmur kontra l-loġika li hija l-bażi tal-mekkaniżmu ta' eżenzjoni previst fl-Artikoli 3 *et seq* tar-Regolament Nru 1186/2009.

5. *Fuq l-interpretazzjoni teleoloġika tad-dispożizzjonijiet rilevanti*

45. Skont il-premessa 3 tar-Regolament Nru 1186/2009, li essenzjalment tirriproduċi t-tieni premessa tar-Regolament Nru 918/83, l-eżenzjonijiet mid-dazji doganali previsti mill-imsemmija atti huma ġġustifikati mill-fatt li huwa permess li merkanzija importata fit-territorju tal-Unjoni ma tiġix intaxxata "fejn bis-saħħa ta' kondizzjonijiet speċjali taħt liema merkanzija tiġi impurtata l-bżonn użwali li tiġi protetta l-ekonomija huwa nieqes". Mill-ħidma preparatorja tar-Regolament Nru 918/83 jirriżulta li dan ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-każ fejn jiġu ssodisfatti ċ-ċirkustanzi speċifiċi previsti minn dan l-istrument, "il-proprjetà li hija eżentata hija importata f'kundizzjonijiet tali li ma tistax tikkompeti realment mal-produzzjonijiet Komunitarji simili u lanqas tista' tippreġudika r-riżorsi fiskali tal-Istati" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [35].

31 — Bħalma jindika l-punt 1 tal-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta msemmija iktar 'il fuq [COM(79) 104 final], din tiddistingwi l-eżenzjonijiet mid-dazju doganali rispettivament mill-eżenzjoni mid-dazji, peress li d-dazju doganali jibqa' applikabbli għall-merkanzija importata għal finijiet jew minn persuni li ma humiex previsti mill-miżura ta' eżenzjoni, u tas-sospensjoni tad-dazju, li hija miżura ta' natura provviżorja.

32 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Schoonbroodt (C-247/97, EU:C:1998:586, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-dispożizzjonijiet li jagħtu sospensjonijiet tad-dazji doganali "għandhom jiġu interpretati b'mod strett, f'konformità mal-formulazzjoni tagħhom, b'tali mod li ma jkunx possibbli li jiġu applikati, lil hinn mit-termini tagħhom, għal prodotti li ma jissemmewx minnhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

33 — Fil-punt 1.4 tal-opinjoni tiegħu dwar il-proposta għal regolament li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 918/83 (ĠU 1980, C 72, p. 20), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali nnota li "[f]'dan il-qasam, fil-fatt, għandu jiġi stabbilit b'mod ċar li dawn huma problemi li jmissu l-ħajja tal-persuni jew tal-familji u li ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod restrittiv" [traduzzjoni mhux uffiċjali], silta ċċitata wkoll fis-sentenza Treimanis (C-487/11, EU:C:2012:556, punt 26).

34 — Sentenza Wencel (C-589/10, EU:C:2013:303, punti 48 *et seq*).

35 — Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali msemmija iktar 'il fuq (il-punt 1.4). Bl-istess mod, fil-punt 4 tal-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta msemmija iktar 'il fuq [COM(79) 104 final], huwa indika li eżenzjoni mid-dazju tista' tiġi permessa fir-rigward tal-importazzjoni ta' proprjetà mobbli użata mill-persuni li jkunu għadhom kif stabbilixxew ruħhom f'pajjiż, peress li tali importazzjoni ma xxekkilx il-produzzjoni nazzjonali ta' merkanzija simili, sakemm din titwettaq lil hinn minn kull kunsiderazzjoni kummerċjali.

46. Ċertament, il-possibbiltà li wieħed ikollu residenza normali doppja, bħal dik prevista mill-qorti tar-rinviju, tista' fiha nfisha tidher kompatibbli ma' dan it-tħassib, peress li ma jidhirx li huwa bilfors meħtieġ li f'tali sitwazzjoni wieħed jirrikorri għal miżuri ta' protezzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni. Madankollu, jien inqis li l-ipoteżi meqjusa, li skontha persuna jista' jkollha l-hekk imsejħa residenza normali kemm fi Stat Membru kif ukoll f'pajjiż terz u timporta l-proprjetà personali tagħha fit-territorju tal-Unjoni meta din ma tibqax tirrisjedi f'dan il-pajjiż terz, tikkostitwixxi xenarju li ma jikkorrispondix għall-konfigurazzjoni prevista mill-Artikoli 3 *et seq* tar-Regolament Nru 1186/2009.

47. Fil-fatt, meta mistoqsija dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 918/83, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li "l-għanijiet segwiti mil-leġiżlatur tal-Unjoni waqt l-adozzjoni [ta' dan ir-]Regolament [...] [kienu] jikkonsistu li jiffaċilitaw, minn naħa, l-istabbiliment tar-residenza l-ġdida fl-Istat Membru u, min-naħa l-oħra, ix-xogħol tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri"[36]. Għalhekk jidher li bl-adozzjoni tal-eżenzjonijiet mid-dazji fuq l-importazzjoni komuni li huma stabbiliti minn dan ir-regolament, il-leġiżlatur ma intervjeniex biss fl-interess tal-persuni li kien ikollhom iħallsu d-dazju doganali mal-installazzjoni tagħhom fi Stat Membru, iżda wkoll sabiex jissimplifika l-kompitu tas-servizzi tal-Istat li kienu jkunu inkarigati mill-kontroll tat-taxxa fuq il-proprjetà importata f'dan il-każ. Dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha fil-fehma tiegħi jistgħu jiġu trasposti fir-rigward tar-Regolament Nru 1186/2009, filwaqt li jitfakkar li dan wettaq biss kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari, tar-Regolament Nru 918/83.

48. Mandankollu, f'dan il-każ, fir-rigward tal-possibbiltà eventwali li persuna jkollha "residenza normali" fis-sens tar-Regolament Nru 1186/2009 fi Stat Membru u f'pajjiż terz fl-istess ħin, jien inqis, bħall-Kummissjoni, li dak li hija tikklassifika bħala "ritorn komplet għal residenza normali fi Stat Membru" ma jissodisfax l-għan imsemmi iktar 'il fuq li jikkonsisti mill-għoti ta' prijorità lill-istabbiliment ta' residenza ġdida fi Stat Membru. Fil-każ fejn persuna titlaq minn waħda minn dawn iż-żewġ residenzi msejħa normali, dik li tinsab f'pajjiż terz, biex minn issa 'l quddiem tgħix biss fl-oħra, dik *diġà stabbilita fi Stat Membru*, ma jkunx hemm, fil-veru sens tal-kelma, *trasferiment ta' residenza normali* ġenwin għat-territorju doganali tal-Unjoni kif huwa meħtieġ mill-Artikoli 3 *et seq* ta' dan ir-regolament.

49. Mit-testi internazzjonali li ispiraw lil-leġiżlatur tal-Unjoni, fost sorsi oħra[37], jirriżulta wkoll li l-element li huwa determinanti għall-ġustifikazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni f'ċirkustanzi bħal dawk previsti mill-imsemmi Artikolu 3 huwa l-fatt li l-proprjetà tkun importata minn persuna fiżika fil-kuntest ta' trasport tal-post ta' għajxien prinċipali tagħha, imsejjaħ – skont is-sorsi – domiċilju jew residenza normali, mill-pajjiż ta' esportazzjoni ta' din il-proprjetà għall-pajjiż ta' importazzjoni[38].

50. Konsegwentement, jien tal-fehma li l-ewwel parti tal-ewwel domanda preliminari għandha tingħata r-risposta li r-Regolament Nru 1186/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jeskludi li persuna fiżika jkollha r-residenza normali tagħha kemm fi Stat Membru kif ukoll f'pajjiż terz fl-istess ħin, b'mod partikolari għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazju doganali prevista fl-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament.

36 — Sentenza Treimanis (C-487/11, EU:C:2012:556, punt 24). L-imsemmija għanijiet kienu ġew żviluppati f'dawn l-istess termini mill-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-kawża Feron (C-170/03, EU:C:2004:312, punt 74), b'riferiment għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saggio fil-kawża Heinonen (C-394/97, EU:C:1999:10, punt 16).

37 — Ara l-punti 5 u 7 tal-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta msemmija iktar 'il fuq [COM(79) 104 final], kif ukoll ir-raba' premessa tar-Regolament Nru 918/83, li s-sustanza tiegħu ġiet riprodotta fil-premessa 5 tar-Regolament Nru 1186/2009.

38 — Għalhekk, skont ir-Rakkomandazzjoni, tal-5 ta' Diċembru 1962, tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali (li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana) dwar l-għoti ta' eżenzjoni għall-oġġetti mobbli importati fil-każ ta' trasferiment ta' domiċilju (dokument aċċessibbli fl-indirizz elettroniku li ġej: http://www.wcoomd.org/fr/about-us/legal-instruments/recommendations/~/media/5E6130F9EAA54352A7710C2CA72ABA2B.ashx), dan it-test ġie adottat bl-għan li "jiffaċilita t-*trasferimenti ta' domiċilju tal-persuni fiżiċi minn pajjiż għal ieħor*" u jirrakkomanda li "tingħata *eżenzjoni* mid-dazju u t-taxxi fuq l-importazzjoni, mingħajr projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' natura ekonomika, ta' oġġetti mobbli li huma importati minn persuna fiżika *mat-trasferiment tad-domiċilju tagħha fil-pajjiż ta' importazzjoni*" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (enfasi magħmula minni).

6. *Fuq it-tieni parti tal-ewwel domanda preliminari*

51. Fid-dawl tar-risposta negattiva li b'hekk nirrakkomanda li tingħata għall-ewwel parti tal-ewwel domanda, inqis li ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni parti ta' din id-domanda, li tirrigwarda l-applikazzjoni eventwali tal-imsemmi Artikolu 3 għall-proprjetà personali li tiġi ttrasferita fl-Unjoni meta l-parti kkonċernata ma tibqax tokkupa l-hekk imsejħa r-residenza normali tagħha li tinsab f'pajjiż terz, peress li din il-mistoqsija tal-aħħar hija fformulata mill-qorti tar-rinviju b'mod sussidjarju biss, fil-każ li jkun possibbli li wieħed ikollu "residenza normali" doppja fis-sens ta' dan ir-regolament.

52. F'dan ir-rigward, ninsisti sempliċement fuq il-fatt li l-imsejħa possibbiltà tidhirli inkompatibbli mal-kriterju essenzjali stabbilit f'dan l-Artikolu 3 li skontu l-"persuni fiżiċi [li jitolbu li jibbenefikaw mill-eżenzjoni mid-dazju prevista meta] *jittrasferixxu l-post ta' residenza normali tagħhom minn pajjiż terz għat-territorju doganali tal-Komunità*" [39]. Fil-fatt, kliem bħal dan fil-fehma tiegħi jimplika neċessarjament it-trasferiment tal-post ta' residenza unika, minn pajjiż terz għal Stat Membru. Madankollu, dan il-każ huwa differenti minn dak fejn persuna setgħet titlaq mir-residenza normali tagħha li tinsab f'pajjiż terz biex fil-futur tistabbilixxi ruħha b'mod esklużiv fl-allegata residenza normali oħra tagħha li diġà tinsab fi Stat Membru, bħal dak previst mill-qorti tar-rinviju [40]. Jekk dan il-kriterju ma jiġix issodisfatt bis-sħiħ, din il-persuna ma tistax tibbenefika mid-dritt għal eżenzjoni mid-dazju offrut minn dan l-artikolu.

B – *Fuq il-kriterji li jippermettu d-determinazzjoni tal-post ta' residenza normali ta' persuna fiżika fis-sens tar-Regolament Nru 1186/2009*

1. *Osservazzjonijiet preliminari*

53. It-tieni domanda preliminari hija magħmula fil-każ fejn, bħalma nippproponi jiena, il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1186/2009 fis-sens li dawn jeskludu l-possibbiltà li persuna fiżika jkollha residenza normali doppja fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

54. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fid-dawl tad-deċiżjoni kkontestata quddiemha u tat-talbiet ta' X fl-appell tiegħu, dwar il-kriterji li għandhom jiġu implementati, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, sabiex jiġi indikat il-pajjiż fejn tinsab ir-residenza normali ta' persuna f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, jiġifieri meta, matul perijodu speċifiku, il-parti kkonċernata kellha rabtiet kemm personali kif ukoll professjonali f'pajjiż terz u rabtiet personali biss fi Stat Membru. Essenzjalment, din id-domanda b'hekk tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddefinixxi l-kunċett ta' "residenza normali" għall-finijiet tar-Regolament Nru 1186/2009 u, b'mod partikolari, tippreċiża l-elementi ta' evalwazzjoni li għandhom jipprevalu f'każ li r-rabtiet ikunu jinsabu f'postijiet differenti.

55. Biex timmotiva d-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tispjega li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà analizzat il-kunċett ta' "residenza normali" fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-Direttivi 83/182 u 83/183, imsemmija iktar 'il fuq, li jirrigwardaw eżenzjonijiet fiskali, u mhux doganali. Hija tistaqsi jekk l-elementi tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza normali" li jinsabu f'dan iż-żewġ direttivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-bilanċ bejn ir-rabtiet personali u r-rabtiet professjonali, kif ukoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja relatati [41] humiex rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-post ta' residenza normali fis-sens tar-Regolament Nru 1186/2009, u sa liema punt. Biex issostni d-dubji tagħha, hija

39 — Enfasi magħmula minni.

40 — Skont l-istess loġika, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jsostni, sussidjarjament, li f'sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1186/2009 jippermetti li wieħed ikollu residenza normali fi Stat Membru u f'pajjiż terz fl-istess ħin, dan madankollu ma jfissirx li l-persuna kkonċernata għandha d-dritt għall-eżenzjoni mid-dazju doganali previst f'dan l-artikolu, filwaqt li jisħaq li, f'sitwazzjoni bħal din, minn naħa, ir-residenza normali li tinsab fil-pajjiż terz tkun *abbandunata* – u mhux ittrasferita għat-territorju doganali tal-Unjoni –, u, min-naħa l-oħra, ir-residenza normali li tinsab fl-Istat Membru tkun ġiet *miżmuma* – u mhux stabbilita –.

41 — Din il-qorti tirreferi għas-sentenzi Ryborg (C-297/89, EU:C:1991:160); Louloudakis (C-262/99, EU:C:2001:407), u Alevizos (C-392/05, EU:C:2007:251).

tinnota li l-għan tal-imsemmija direttivi huwa differenti minn dak ta' dan ir-regolament u tinnota li l-kawża prinċipali hija differenti minn dawk li wasslu għall-kawżi preċedentement imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba li l-parti kkonċernata f'dan il-każ għandha rabtiet professjonali fil-pajjiż terz biss u mhux fl-Istat Membru kkonċernat ukoll [42].

56. X huwa tal-fehma li r-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha effettivament ssegwi s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li interpretaw il-kunċett ta' "residenza normali" fis-sens tad-Direttivi 83/182 u 83/183, għar-raġuni li r-Regolament Nru 1186/2009 jappartjeni għall-istess kuntest u jsegwi kważi l-istess għan bħal dawn id-direttivi, peress li l-Artikolu 3 tiegħu jipprevedi wkoll iċ-ċirkulazzjoni ta' proprjetà personali maħsuba għall-individwi. Bl-istess mod, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jqis, b'analoġija mal-imsemmija sentenzi, li għandha tingħata prijorità lir-rabtiet personali u li hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina f'liema residenza dawn huma prevalenti, fuq il-bażi ta' punti ta' fatt li din tfassal lista mhux eżawrjenti tagħhom ispirata minn din il-ġurisprudenza [43].

57. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tqis li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza normali" kif stabbilita fid-Direttivi 83/182 u 83/183 u interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tiġi trasposta f'din il-kawża. Hija tipproponi li l-imsemmi kunċett fis-sens ta' dan ir-regolament jiġi ddefinit bħala korrispondenti, "fil-prinċipju, għall-post fejn il-parti kkonċernata fir-realtà tgħix il-parti l-kbira tas-sena" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Din il-proposta hija biss sussidjarja, fil-każ biss fejn ma jkunx jidher biċ-ċar li dan il-post tal-aħħar jikkorrispondi għal pajjiż terz, li għandu jitqies il-fatt li l-parti kkonċernata għandha r-rabtiet personali prinċipali tagħha fi Stat Membru.

58. Jien inqis li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1186/2009, il-kunċett ta' "residenza normali" għandu jiġi mifhum b'mod awtonomu, mhux biss fir-rigward tad-drittijiet tal-Istati Membri [44], iżda wkoll fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' dan il-kunċett jew ta' kunċetti qrib tiegħu li jinsabu f'atti oħra tad-dritt tal-Unjoni, kif ippreċiżati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

2. *Fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "residenza normali" possibbilment fid-dawl ta' atti oħra tad-dritt tal-Unjoni*

59. Għall-kuntrarju tar-Regolament Nru 1186/2009, kemm id-Direttiva 83/182 kif ukoll id-Direttiva 83/183, it-tnejn li huma adottati fil-qasam tal-eżenzjonijiet fiskali, jistabbilixxu b'mod ċar x'għandu jinftiehem bil-kunċett ta' "residenza normali", fl-Artikoli 7(1) u 6(1) tagħhom rispettivament [45]. Jien nenfasizza li dawn l-indikazzjonijiet ingħataw mil-leġiżlatur "għall-finijiet" ta' dawn id-direttivi biss, u mhux b'mod ġenerali fid-dritt tal-Unjoni [46]. Il-Kummissjoni b'mod korrett tinnota li kieku l-leġiżlatur ried juża definizzjoni identika għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1186/2009, huwa kien jagħmel hekk, u dan b'mod iktar evidenti f'dan il-każ peress li r-Regolament Nru 918/83, li ġie kkodifikat minn dan tal-aħħar, ġie adottat fl-istess jum bħal dawn iż-żewġ direttivi.

42 — F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tiċċita s-sentenza Louloudakis (C-262/99, EU:C:2001:407, punti 52 u 53), iżda din madankollu tosserva li fir-Regolament Nru 1186/2009 ma hemmx dispożizzjoni komparabbli għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 83/182, li skontu l-prijorità għandha tingħata lir-rabtiet personali f'ċerti ċirkustanzi, u tqis li tali ċirkustanzi għalhekk ma jkunux issodisfatti f'dan il-każ.

43 — B'riferiment għall-punt 55 tas-sentenza Louloudakis (C-262/99, EU:C:2001:407), dan il-gvern jiddeduċi li l-qorti għandha tieħu inkunsiderazzjoni, "b'mod partikolari, il-preżenza fiżika, dik tal-membri tal-familja, id-disponibbiltà ta' post fejn joqgħodu, il-post fejn attwalment imorru l-iskola t-tfal, il-post fejn twettaq l-attivitajiet professjonali, il-post fejn jinsabu l-interessi b'rabta mal-assi, dak tar-rabtiet amministrattivi mal-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi soċjali, sa fejn dawn l-elementi jindikaw ir-rieda ta' din il-persuna li tagħti ċertu stabbiltà lill-post tar-rabta, minħabba kontinwità li tirriżulta mill-mod kif tgħix u mill-mod kif jiżviluppaw ir-relazzjonijiet soċjali u professjonali normali" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Huwa jsemmi wkoll it-teħid inkunsiderazzjoni ta' "data bħall-pajjiż fejn hija stabbilita l-pensjoni, il-pajjiż fejn huwa hija stabbilita l-persuna li timpjega u l-pajjiż fejn ġiet konkluża l-assigurazzjoni medika" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

44 — Ara l-punti 31 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

45 — Il-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet tfakkar fil-punti 16 u 17 ta' dawn il-konklużjonijiet.

46 — Fid-dawl kemm tat-titolu tal-imsemmija artikoli ("Regoli ġenerali biex tkun stabbilita residenza") kif ukoll tal-ħidmiet preparatorji li jikkonċernaw dawn id-direttivi [ara b'mod partikolari, fir-rigward tad-Direttiva 83/183, l-Artikolu 8 tal-proposta tal-Kummissjoni, COM(1975) 528 final (ĠU 1975 C 267, p. 11)], jidhirli li d-definizzjonijiet tal-imsemmi kunċett ġew introdotti prinċipalment sabiex jikkompletaw l-elenkar, li issa jsegwi fil-paragrafu 2 tal-imsemmija artikoli, tal-mezzi ta' provi ammissibbli sabiex il-partijiet konċernati juru fejn jinsab il-post ta' residenza tagħhom.

60. Minbarra d-Direttivi 83/182 u 83/183, li tirreferi għalihom il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi osservat li l-kunċett ta' "residenza normali" ġie ddefinit, f'termini identiċi, f'direttivi li ġew adottati ulterjorment fil-qasam tal-għoti u l-ġestjoni tal-liċenzji tas-sewqan [47]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-osservanza tal-kundizzjoni ta' residenza normali stabbilita f'dawn id-direttivi tal-aħħar tikkostitwixxi element essenzjali tas-sistema stabbilita minnhom għall-ġlieda kontra l-abbuż, marbut ma' dak li hija sejħet it-"turiżmu tal-liċenzji tas-sewqan", kif ukoll biex jiġu ffaċilitati l-kontrolli [48]. Għalhekk jidher li meta l-leġiżlatur xtaq juża l-istess definizzjoni tal-imsemmi kunċett bħal dik li tinsab fid-Direttivi 83/182 u 83/183, inkluż f'kull qasam ieħor differenti minn dak tat-tassazzjoni, dan għamlu b'mod espliċitu.

61. Fi kwalunkwe każ, huwa fil-kuntest tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 83/182 u 83/183 biss li l-Qorti tal-Ġustizzja tat sensiela ta' preċiżazzjonijiet li jikkonċernaw id-definizzjonijiet li jinsabu fihom. Hija b'mod partikolari ddeċidiet, fis-sens ta' kull waħda minnhom, li "[r]-residenza normali għandha titqies li hija l-post fejn il-persuna interessata tkun stabbilixxet iċ-ċentru permanenti ta' l-interessi tagħha", li "[l]-kriterju ta' permanenza jirreferi għall-kundizzjoni li skond din il-persuna interessata għandha normalment tgħix fil-post ikkonċernat għal mill-inqas 185 jum f'kull sena kalendarja" u li r-residenza normali ma għandhiex tiġi ddeterminata biss fir-rigward tal-"elementi kollha tal-fatti rilevanti" iżda wkoll fid-dawl tal-għan tad-direttiva inkwistjoni [49].

62. Madankollu, mill-preamboli tad-Direttivi 83/182 u 83/183 jirriżulta li dawn prinċipalment għandhom l-għan li jiffavorixxu l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-individwi fi ħdan l-Unjoni, filwaqt li jeliminaw l-ostakoli fiskali għall-importazzjoni fi Stat Membru ta' proprjetà personali li tinsab fi Stat Membru ieħor [50]. Dan l-għan ma huwiex ekwivalenti għal dawk previsti mir-Regolament Nru 1186/2009 [51], peress li dan tal-aħħar jikkonċerna ċ-ċirkulazzjoni ta' proprjetà, mhux bejn l-Istati Membri, iżda bejn Stat Membru u pajjiż terz, l-unika konfigurazzjoni li fiha normalment huma applikabbli miżuri ta' protezzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni li jiġġustifikaw l-intaxxar doganali [52], bħalma nnotat ġustament il-qorti tar-rinviju.

63. Raġuni oħra għaliex l-idea tar-residenza normali fis-sens tal-imsemmija direttivi jidhirli li tistax tiġi trasposta għall-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1186/2009, anki jekk hija biss sors ta' ispirazzjoni sussidjarja, hija li l-oqsma legali koperti minn dawn iż-żewġ kategoriji ta' atti huma differenti, minkejja li hemm ċertu xebh. Huwa minnu li, minn naħa, l-eżenzjonijiet fiskali u l-eżenzjonijiet mid-dazju doganali għandhom l-għan komuni li jeżentaw il-proprjetà li tibbenefika minnhom minn kull imposta u, min-naħa l-oħra, ir-rieda li jitjieb il-paralleliżmu bejn id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-qasam fiskali u dawk applikabbli fil-qasam doganali hija evidenti fil-ħidmiet leġiżlattivi [53]. Madankollu, dawn

47 — L-ewwel Direttiva tal-Kunsill 80/1263/KEE, tal-4 ta' Diċembru 1980, dwar l-istabbiliment ta' liċenzja tas-sewqan Komunitarja (ĠU L 375, p. 1), kienet diġà semmi l-kunċett ta' "residenza normali" diversi drabi, iżda din ma kinitx tiddefinixxihx. L-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 317), irrimedja għal dan in-nuqqas. Din id-definizzjoni ġiet riprodotta fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 403, p. 18), li rrevokat lil dik preċedenti.

48 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Grasser (C-184/10, EU:C:2011:324, punt 27); Hofmann (C-419/10, EU:C:2012:240, punti 70 u 76), kif ukoll Nīmanis (C-664/13, EU:C:2015:41, punti 36 *et seq*).

49 — Fir-rigward tad-Direttiva 83/182, ara s-sentenzi Ryborg (C-297/89, EU:C:1991:160, punti 17 *et seq*) kif ukoll Louloudakis (C-262/99, EU:C:2001:407, punti 51 *et seq*) u, fir-rigward tad-Direttiva 83/183, ara s-sentenza Alevizos (C-392/05, EU:C:2007:251, punti 54 *et seq*).

50 — Ara s-sentenzi Ryborg (C-297/89, EU:C:1991:160, punt 13); Louloudakis (C-262/99, EU:C:2001:407, punt 58), kif ukoll Alevizos (C-392/05, EU:C:2007:251, punt 53).

51 — Ara l-punti 45 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

52 — Ara l-premessi 2 u 3 tar-Regolament Nru 1186/2009.

53 — Ara l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali msemmija iktar 'il fuq (il-punt 1.8); l-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta tal-Kummissjoni [COM(2007) 614 final, p. 2 u 3] li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 274/2008, tas-17 ta' Marzu 2008, (ĠU L 85, p. 1) li emenda r-Regolament Nru 918/83 u ġie kkodifikat mir-Regolament Nru 1186/2009; Georgopoulos, T., "La franchise douanière, Le droit douanier communautaire entre cohérence et flexibilité" (L-eżenzjoni mid-dazju doganali, Id-dazju doganali Komunitarju bejn koerenza u flessibbiltà), *R.A.E.*, 2005, Nru 4 p. 608.

iż-żewġ kategoriji ta' eżenzjoni ma jistgħux jiġu assimilati għalkollox, prinċipalment għax fil-qasam doganali, il-kwistjoni tal-għoti possibbli ta' eżenzjoni mid-dazju, skont id-definizzjoni tagħha stess, tirriżulta biss fir-rigward ta' proprjetà li toriġina minn pajjiż terz, iżda wkoll għax il-mod kif jintervjenu u l-effetti tagħhom huma differenti [54].

64. Fl-aħħar nett, nenfasizza li għalkemm il-kriterji kollha ta' stabbiliment ta' residenza normali li rriżultaw kemm mid-Direttivi 83/182 u 83/183 kif ukoll mill-ġurisprudenza relatata kienu trasposti għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1186/2009, dan jirriskja li jippreġudika l-effettività tal-Artikoli 3 *et seq* ta' dan ir-regolament, ladarba dan ikollu l-konsegwenza prattika li jagħmel l-aċċess għall-eżenzjoni mid-dazju doganali li jipprevedu dawn id-dispożizzjonijiet, fuq kollox fl-interess taċ-ċittadini tal-Unjoni, ferm iktar diffiċli minn dak li jkun xtaq il-leġiżlatur [55].

65. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, fil-fehma tiegħi, jirriżulta, fl-ewwel lok, li r-regola speċjali li skontha hemm lok li tingħata prijorità lill-post fejn il-parti kkonċernata għandha r-rabtiet personali tagħha meta huwa impossibbli li jiġi ddeterminat fejn jinsab iċ-ċentru permanenti tal-interessi tagħha, tista' tkun determinanti biss fil-każ li, bħalma jindikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi 83/182 u 83/183, il-parti kkonċernata tgħix alternattivament "f'postijiet differenti sitwati f'żewġ Stati Membri jew aktar" [56]. Fil-fatt, bħall-Kummissjoni, jien inqis li l-għażla magħmula hawnhekk mil-leġiżlatur hija meħtieġa meta jkollu jiġi ddeterminat liema mid-diversi Stati Membri kkonċernati għandu jiġbor it-taxxa fuq il-proprjetà inkwistjoni, għalhekk għall-finijiet li tiġi allokata l-kompetenza fiskali fi ħdan l-Unjoni, iżda mhux meta l-parti kkonċernata tkun qasmet il-postijiet ta' għajxien tagħha bejn Stat Membru u pajjiż terz.

66. Fit-tieni lok, il-perijodu ta' referenza applikat fid-Direttivi 83/182 u 83/183, li skonthom ir-residenza normali hija fil-prinċipju dik fejn il-parti kkonċernata tgħix "mill-inqas 185 jum f'kull sena kalendarja" jiġifieri iktar minn nofs kull sena meqjusa, huwa inadegwat fil-qasam tal-eżenzjoni mid-dazju doganali. Jien ser nippreċiża l-kontenut tal-proposta tiegħi iktar 'l isfel [57], iżda minn dan l-istadju nindika li, fil-fehma tiegħi, għalkemm il-kriterju dwar il-proporzjonalità taż-żmien li matulu persuna tkun preżenti f'pajjiż huwa rilevanti, għall-kuntrarju, il-frekwenza marbuta mas-sena ma hijiex perfettament adegwata fir-rigward tal-kwistjoni tal-eżenzjoni eventwali mid-dazju doganali.

67. Għalhekk inqis li l-elementi b'rabta mal-kunċett ta' "residenza normali" li jinsabu fid-direttivi msemmija iktar 'il fuq kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja ma jistgħux jiġu trasposti għal din il-kawża, la bħala tali u lanqas b'analoġija, fid-dawl tad-differenzi kemm fil-formulazzjoni, kif ukoll fl-għanijiet u l-qasam li jiddistingwu r-Regolament Nru 1186/2009 mill-imsemmija direttivi.

54 — Ara Berr, C. J., u Trémeau, H., *Le droit douanier communautaire et national* Id-dazju doganali Komunitarju u nazzjonali), Economica, Pariġi, 2006, punt 157, kif ukoll Soulard, C., "Union douanière, Taxation des marchandises" (Unjoni doganali, Tassazzjoni tal-merkanzija", *Jurisclasseur Europe*, faxxikolu 504, 2007, punt 124.

55 — Ġie nnotat b'mod korrett li "[ċ]-ċirkulazzjoni libera taċ-ċittadini Ewropej [...] li ġiet stabbilita bħala prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju, ikun assurd li dawn jiffaċċjaw sistema doganali stretta ħafna mar-ritorn tagħhom jew ma' (l-ewwel) installazzjoni tagħhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Għalkemm ir-Regolament Nru 918/83 ma jirriżervax eżenzjoni speċifika għaċ-ċittadini Ewropej, dawn ikunu tal-ewwel li jibbenefikaw minn eżenzjonijiet [marbuta ma' avvenimenti tal-ħajja privata]" [traduzzjoni libera] (ara Georgopoulos, T., *op. cit.*, p. 607). Ara wkoll il-punt 77 ta' dawn il-konklużjonijiet.

56 — Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 83/182, u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 83/183, "ir-residenza normali ta' xi persuna li l-irbit tax-xogħol tagħha jkun f'post differenti minn dak ta' l-irbit personali u li jgħix konsegwentement f'postijiet differenti sitwati f'żewġ Stati Membri jew aktar għandu jitqies li jkun il-post ta' l-irbit personali tagħha".

57 — Ara l-punti 74 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

68. Għal finijiet ta' kompletezza, ninnota li kunċetti simili għal dak ta' "residenza normali", li jinsabu f'diversi oqsma tad-dritt tal-Unjoni, wasslu wkoll għal interpretazzjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja. Hawnhekk ser insemmi fil-qosor, b'mod partikolari, is-sentenzi dwar it-termini "residenza" u "normalment" fis-sens tar-Regolament Nru 1408/71 [58] kif ukoll il-kunċett ta' "residenza abitwali" li jinsab b'mod partikolari fir-Regolament imsejjaħ Brussell IIa [59] mingħajr ma huwa ddefinit hemmhekk [60].

69. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li residenza stabbli li tippermetti li jiġu kkaratterizzati rabtiet mill-qrib ma' pajjiż ġeneralment hija meħtieġa meta jsir użu minn tali fatturi ta' lokalizzazzjoni u li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet lista ta' kriterji ta' evalwazzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regolamenti kkonċernati biss. Peress li dawn il-fatturi ġew previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni biex sitwazzjoni transkonfinali tkun tista' tiġi konnessa ma' Stat Membru wieħed jew l-ieħor, kull darba skont id-dritt applikabbli u skont il-qorti kompetenti, is-sentenzi inkwistjoni, bħal dawk dwar id-Direttivi 83/182 u 83/183, jinsabu f'kuntest differenti minn dak ta' din il-kawża, peress li din tirrigwarda l-intaxxar jew in-nuqqas tiegħu fid-dritt tal-Unjoni ta' proprjetà li ġejja minn pajjiż terz.

70. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, għandha tingħata definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza normali" li tkun adattata speċifikament għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1186/2009 li qed tintalab l-interpretazzjoni tiegħu.

3. *Fuq id-definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza normali" imfassla proprju għar-Regolament Nru 1186/2009*

71. Qabelxejn, infakkar li fil-proposta inizjali li tikkonċerna dak li sar ir-Regolament Nru 918/83 [61], il-Kummissjoni kienet xtaqet tiddefinixxi l-kunċett ta' "residenza normali" għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-abbozz ta' regolament, fl-Artikolu 4 li sostanzjalment huwa analogu għall-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1186/2009. Id-definizzjoni ta' dan il-kunċett, li ma nżammitx fil-verżjoni finali tar-Regolament Nru 918/83, kienet ifformulata kif ġej: "il-post fejn persuna normalment tgħix, jiġifieri dak fejn tgħix kontinwament matul ċertu perijodu minħabba rabtiet personali jew professjonali li juru rabtiet mill-qrib bejnha stess u l-post fejn tgħix" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

72. Fil-kuntest ta' din il-kawża, il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun li, "[g]ħall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1186/2009, ir-residenza normali tikkorrispondi fil-prinċipju għall-post fejn il-parti kkonċernata fil-fatt tqatta' l-parti l-kbira tas-sena" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Inċidentalment, hija tipproponi li jiġi segwit metodu sussidjarju fil-każ fejn ir-rabtiet personali prinċipali tal-parti kkonċernata jorbtuha ma' Stat Membru.

73. Min-naħa tiegħi, jien inqis li r-risposta għal din id-domanda għandha tinkludi definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza normali" fis-sens tar-Regolament Nru 1186/2009, li ma tapplikax fir-rigward tal-Artikolu 3 tiegħu biss, iżda wkoll għad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-regolament li jużaw l-imsemmi kunċett bħala kriterju [62].

58 — Fuq il-kunċett ta' "residenza" ddefinit fl-Artikolu 1(h) tar-Regolament Nru 1408/71, ara s-sentenza Swaddling (C-90/97, EU:C:1999:96, punti 29 u 30), u fuq il-kunċett ta' attività bħala persuna impjegata eżerċitata "normalment" fi Stat Membru, li jinsab, b'mod partikolari, fl-Artikoli 14 *et seq* ta' dan ir-regolament, ara s-sentenza Banks *et* (C-178/97, EU:C:2000:169, punti 25 *et seq*).

59 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243), li skontu kemm ir-residenza abitwali tal-konjuġi kif ukoll ir-residenza abitwali tal-minuri jintużaw bħala bażi għal diversi kriterji ta' ġurisdizzjoni.

60 — Fuq il-kunċett ta' residenza abitwali tal-minuri fis-sens tar-Regolament Brussell IIa, ara b'mod partikolari, is-sentenzi A (C-523/07, EU:C:2009:225, punti 37 *et seq*) u Mercredi (C-497/10 PPU, EU:C:2010:829, punti 44 *et seq*).

61 — Proposta msemmija iktar 'il fuq [COM (79) 104 final].

62 — Ara l-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

74. Barra minn hekk, jien inqis li, sabiex ikun jista' jitqies li persuna stabbilixxiet ir-"residenza normali" tagħha f'pajjiż terz, għandu jkun meħtieġ żmien suffiċjenti li matulu hija tkun preżenti [63] u għandu jiġi applikat kriterju ta' proporzjon bħalma tissuġġerixxi l-Kummissjoni. Jidhirli li huwa neċessarju li l-parti kkonċernata tkun għexet f'dan il-pajjiż mill-inqas matul il-biċċa l-kbira tal-perijodu rilevanti, meta ma tkunx għexet hemm esklużivament. Dan il-kriterju ta' żmien, matematiku u oġġettiv, għandu l-vantaġġ li ma jkunx meħtieġ li jiġu bbilanċjati d-diversi elementi fattwali, li xi drabi jirriżultaw minn kunsiderazzjonijiet suġġettivi, li, minn naħa, jista' ma tantx ikun faċli, u saħansitra ftit li xejn rilevanti fil-prattika li jiġu elenkati b'mod iddettaljat – kif propost mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi – u, min-naħa l-oħra, kumpless biex il-qorti nazzjonali tevalwahom f'kull każ.

75. Għall-kuntrarju, jien ma naħsibx li "sena" għandha tittieħed bħala l-uniku perijodu ta' referenza, peress li s-sena kalendarja hija punt ta' riferiment li, fil-fehma tiegħi, ċertament huwa ta' interess fil-qasam fiskali, fir-rigward tal-punt ta' riferiment standard tas-sena finanzjarja jew fiskali, iżda hija inqas adattata fil-qasam tad-dazju doganali direttament, u b'mod partikolari biex jiġi ddeterminat jekk persuna tistax tibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju doganali. Fil-fehma tiegħi, ma jkunx loġiku li l-pajjiż fejn tkun tinsab ir-"residenza normali" ta' persuna fis-sens tar-Regolament Nru 1186/2009 ivarja skont kull sena, jew li saħansitra jiddependi minn medja annwali. F'dan ir-rigward jidhirli li huwa determinanti l-perijodu kollu li matulu hija tgħix f'pajjiż terz qabel ma timporta l-proprjetà personali tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni. Madankollu, ir-riżultat konkret jista' jkun kompletament differenti skont jekk ir-raġunament li jippermetti li jiġi identifikat il-post ta' residenza normali tagħha jitwettaqx fuq il-bażi ta' analiżi annwali jew fir-rigward tal-perijodu rilevanti kollu [64].

76. Barra minn hekk, inqis li ma huwiex xieraq, u lanqas meħtieġ, li tingħata definizzjoni prinċipali u li tiġi proposta soluzzjoni oħra sussidjarja, b'mod partikolari, f'każ li jkun diffiċli li jiġi identifikat f'liema pajjiż għexet il-parti kkonċernata matul il-parti l-kbira tal-perijodu meqjus.

77. Fil-fatt, il-possibbiltà li jiġi introdott kriterju alternattiv, mingħajr ebda bażi misluta mir-Regolament Nru 1186/2009, li jintrabat mal-fatt li l-parti kkonċernata kellha r-rabtiet personali prinċipali tagħha fi Stat Membru, tippreżenta l-inkonvenjent li dan ikun jista' jwassal għal riżultat oppost għal dak li jkun wasal għalih il-kriterju ta' żmien li nirrakkomanda jien. Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, f'dan il-każ [65]. Barra minn hekk, dan il-kriterju jneħħi parti kbira mill-effettività tal-eżenzjoni mid-dazju prevista fl-Artikoli 3 *et seq* ta' dan ir-regolament, peress li ċ-ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fit-tul f'pajjiż terz għax-xogħol tagħhom filwaqt li jħallu lill-qraba tagħhom installati fl-Istat Membru li joriġinaw minnu spiss ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn din is-sistema vantaġġuża.

78. Għaldaqstant, ma jidhirlix li huwa ġġustifikat li jiġi previst kriterju sussidjarju fir-rigward tar-regoli normali relatati, minn naħa, mar-rabta bejn kull prinċipju u l-eċċezzjonijiet tiegħu, u min-naħa l-oħra, mal-oneru tal-prova. Fil-fatt, huwa ċar li hija l-persuna li titlob li tibbenefika mid-deroga għall-prinċipju tat-tassazzjoni li tikkostitwixxi eżenzjoni mid-dazju doganali [66] li għandha tagħti l-prova tal-fatti kollha li hija tinvoka f'dan is-sens [67]. Barra minn hekk, hija l-qorti nazzjonali li għandha timplementa l-kriterji li ser ikunu ddefiniti mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-data fattwali

63 — Bl-istess mod, ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali msemmija iktar 'il fuq kienet tirrikjedi, fir-rigward tal-għoti ta' eżenzjoni mid-dazju għall-oġġetti mobbli importati fil-każ ta' trasferiment ta' domiċilju li: "fil-każ ta' persuna li tirritorna fil-pajjiż ta' importazzjoni, *it-tul tar-residenza barra mill-pajjiż għandha tkun biżżejjed*" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (enfasi magħmula minni).

64 — Pereżempju, jekk fuq perijodu ta' ħames snin persuna għexet iktar f'pajjiż terz matul l-ewwel erbgħa snin, iżda iktar fi Stat Membru matul l-aħħar waħda, dan jista' jwassal għall-konklużjoni, jekk l-analiżi ssir kull sena, li r-residenza normali tagħha kienet tinsab fi ħdan it-territorju tal-Unjoni skont din tal-aħħar, b'tali mod li l-parti kkonċernata tiġi rrifjutata l-eżenzjoni mid-dazju doganali minkejja li matul dan il-perijodu tkun għexet l-iktar barra mit-territorju.

65 — Fil-każ ta' X, huwa stabbilit li l-perijodu kkontestat jibda mill-1 ta' Marzu 2008 sal-1 ta' Awwissu 2011 u li huwa qatta' biss 281 jum barra mill-Qatar, jiġifieri ferm inqas minn sena, matul dawn it-tliet snin u nofs. Għalhekk huwa għex l-iktar f'dan il-pajjiż terz u fil-fehma tiegħi, ir-"residenza normali" tiegħu tinsab hemmhekk. Għall-kuntrarju, il-fatt li nżamm il-post fejn ir-rabtiet personali tal-parti kkonċernata huma prevalenti jkollu l-konsegwenza li l-Pajjiżi l-Baxxi jiġu indikati bħala l-post ta' residenza normali tiegħu.

66 — Ara l-punti 41 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

67 — L-Artikolu 126 tar-Regolament Nru 1186/2009 jistabbilixxi b'mod ċar li "[f]il-każ fejn dan [...] jipprovdi li l-għotja ta' eżenzjoni għandha tkun soġġetta għas-sodisfazzjon ta' ċerti kondizzjonijiet, il-persuna involuta għandha, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, tipprovdi prova li dawn il-kondizzjonijiet ġew issodisfatti".

tal-kawża mressqa quddiemha, u eventwalment li tiċħad it-talba għal eżenzjoni mad-dazju doganali f'każ li jkun għad hemm dubju fir-rigward tal-fatt li r-residenza normali ta' din il-persuna tinsabx effettivament f'pajjiż terz. Il-fatt li l-persuna kkonċernata stess iġġarrab l-oneru tal-prova li hija għandha dritt għal din l-eżenzjoni mid-dazju, jippermetti li jiġu limitati l-possibbiltajiet ta' abbuż minn tali privileġġ doganali.

79. F'dan ir-rigward, jien nosserva, bħalma tenfasizza l-Kummissjoni, li r-riskju possibbli ta' abbuż mis-sistema ta' eżenzjoni mid-dazju doganali prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1186/2009, li jista' jirriżulta b'mod partikolari minn idea wiesgħa wisq tal-kunċett ta' "residenza normali", huwa fil-prinċipju limitat minn sensiela ta' kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 11 tal-imsemmi regolament. Peress li dawn jillimitaw biżżejjed il-possibbiltà li wieħed jibbenefika mill-imsemmija sistema, fil-fehma tiegħi, ma hemmx lok li jiżdiedu magħhom rekwiżiti bħal dawk proposti mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi.

80. Fl-aħħar nett, nixtieq nenfasizza li, peress li l-leġiżlatur deliberatament għażel soluzzjoni sempliċi, billi għażel li ma jiddefinixxix b'mod preċiż il-kunċett ta' residenza normali fis-sens tar-Regolament Nru 918/83 imbagħad tar-Regolament Nru 1186/2009, jidhirli li huwa essenzjali li ma tingħatax definizzjoni ta' dan il-kunċett li tkun eċċessivament kumplessa fil-kuntest tal-interpretazzjoni mitluba f'din il-kawża.

81. Konsegwentement, nirrakkomanda li t-tieni domanda tingħata r-risposta li, sabiex tiġi ddeterminata r-residenza normali ta' persuna fiżika fis-sens tar-Regolament Nru 1186/2009, hija l-qorti nazzjonali adita bil-kawża prinċipali li għandha tqis il-fatti kollha li jippermettu l-identifikazzjoni tal-post fejn din il-persuna tkun realment għexet matul il-parti l-kbira tal-perijodu rilevanti, jiġifieri l-perijodu li matulu l-parti kkonċernata għexet b'mod parzjali f'pajjiż terz wieħed jew iktar.

V – **Konklużjoni**

82. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi b'dan il-mod għad-domandi preliminari magħmula mill-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi):

1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009, tas-16 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huwa esklużi persuna fiżika jkollha r-"residenza normali" tagħha kemm fi Stat Membru kif ukoll f'pajjiż terz, fl-istess ħin, b'mod partikolari għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni prevista fl-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament.

2) F'dan l-istess kuntest, ir-"residenza normali" ta' persuna fiżika għandha tiġi ddeterminata filwaqt li jitqiesu l-fatti kollha li jippermettu li jiġi identifikat il-post fejn din il-persuna tkun għexet realment matul il-parti l-kbira tal-perijodu rilevanti.